



Brussell, 21 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14207/17

EDUC 407
JEUN 142
EMPL 541
SOC 709
COMPET 745

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13539/17 EDUC 382 JEUN 130 EMPL 512 SOC 669 COMPET 696 RECH 340
Nru dok. Cion:	9843/17 EDUC 277 JEUN 80 EMPL 347 SOC 450 COMPET 462 RECH 217 + ADD 1
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Novembru 2017)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja, adottati mill-Kunsill fit-3577 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Novembru 2017.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aġenda mġedda tal-UE għall- edukazzjoni għolja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

FILWAQT LI JFAKKAR fl-isfond politiku ta' din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness għal dawn il-konklużjonijiet.

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu LI:

1. fl-livell individwali, l-edukazzjoni għolja tikkontribwixxi għall-iżvilupp personali u professjonali tal-istudenti, u tgħin lill-individwi jieħdu r-responsabbiltà għat-tagħlim tul hajtthom u l-karriera tagħhom. Fil-livell tas-soċjetà, hija twitti t-triq għall-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-koeżjoni soċjali u għandha rwol importanti fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà.
2. jeħtieġ li jissaħħu l-kollaborazzjoni u s-sinerġiji, kemm fis-setturi tal-edukazzjoni kif ukoll bejn l-edukazzjoni għolja u r-riċerka, l-innovazzjoni u d-dinja tax-xogħol.
3. l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jeħtieġu appoġġ biex jaqdu r-rwol tagħhom ta' involviment ċiviku u biex jieħdu passi sabiex jiżguraw li l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni tal-istudenti u l-persunal tagħhom tipprovdi riflessjoni aħjar tal-popolazzjoni kollha kemm hi.
4. l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom jiġu mħeġġa jikkunsidraw mill-ġdid l-approċċi għal-apprendiment u t-tagħlim u jippromwovu, b'mod partikolari, approċċ iffukat fuq l-istudenti, tagħlim kollaborattiv u bbażat fuq ir-riċerka, ambjenti ta' tagħlim inklużivi, u l-użu ta' teknoloġiji diġitali.
5. għalkemm sar progress notevoli fil-kisba tal-mira ewlenija ta' Ewropa 2020 biex mill-inqas 40 % ta' dawk bejn it-30 u l-34 sena jkunu lestew l-edukazzjoni terzjarja jew edukazzjoni ekwivalenti sal-2020, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-edukazzjoni għolja tkun ta' kwalità għolja u rilevanti biex tippermetti lill-gradwati jirnexxu kemm personalment kif ukoll professjonalment.

6. f'dan il-kuntest, għad jenħtieġu sforzi biex tiġi pprovduta data ta' kwalità aħjar dwar l-
edukazzjoni għolja, pereżempju dwar l-eżiti soċjali u tal-impjiegi u l-parteċipazzjoni ċivika ta'
persuni li ma jkomplux l-edukazzjoni għolja, kif ukoll dwar il-mobbiltà transnazzjonali u l-
isfidi tagħha.
7. il-kooperazzjoni internazzjonali u l-mobbiltà għat-tagħlim fil-qasam tal-edukazzjoni għolja,
speċjalment permezz tal-programm Erasmus+, iippermettew il-ħolqien ta' sħubiji transfruntieri
għodda, l-iskambju ta' prattiki tajbin, it-trawwim ta' fehim interkulturali u valuri komuni, u l-
isfruttar u l-użu ta' għarfien għdid, bl-għan li jiżdiedu l-attrattività u l-kompetittività tas-sistema
edukattiva għolja fl-Ewropa mad-dinja kollha.
8. l-isfidi speċifiċi għas-settur tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa huma li:
 - a) l-istudenti jiġu mġammra b'għarfien, ħiliet u kompetenzi aħjar, filwaqt li jiġu
indirizzati l-ispariġġ fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħiliet f'ċerti oqsma professjonali;
 - b) jiġu żviluppati aċċess u kundizzjonijiet ugwali biex kulħadd jirnexxi fl-edukazzjoni
għolja, u jiġi promoss l-involviment ċiviku mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;
 - c) jintuża b'mod sħiħ il-potenzjal mhux sfruttat tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja
biex dawn jikkontribwixxu, permezz tal-għoti ta' tagħlim u r-riċerka, għall-innovazzjoni
u l-iżvilupp fl-ekonomija inġenerali, b'mod partikolari fir-reġjuni tagħhom;
 - d) tiġi inkoraġġita l-koerenza fil-governanza tal-edukazzjoni għolja u l-ġestjoni sostenibbli
tar-riżorsi.

JILQA':

9. il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja¹, li
hija bbażata fuq kooperazzjoni preċedenti u għandha l-għan li tiżgura li l-għodod u l-
programmi tal-UE jappoġġaw it-tagħlim reċiproku u l-kooperazzjoni politika fl-edukazzjoni
għolja.

¹ 9843/17

B'rispett sħiħ għall-prinċipji tal-libertà akkademika, u l-awtonomija istituzzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tagħhom f'aktar modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja,

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI biex jiffokaw fuq l-oqsma ta' azzjoni ta' prijorità li ġejjin:

A. IL-PROMOZZJONI TAL-EĊĊELLENZA FL-IŻVILUPP TAL-ĦILJET

10. Jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jiżviluppaw it-talent u l-potenzjal tal-istudenti kollha, u jattrezzawhom aħjar bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġu biex jaġixxu bħala ċittadini attivi u responsabbli fis-soċjetà u biex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u fit-tagħlim tul il-ħajja.
11. Jindirizzaw l-ispariġġ tal-ħiliet u n-nuqqas ta' ħiliet, kif ukoll jantiċipaw ħtiġijiet ta' ħiliet futuri billi jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex:
 - a) isaħħu l-kooperazzjoni ma' min iħaddem, pereżempju permezz ta' tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u billi jinkorporaw komponenti teoretiċi u prattiċi fil-programmi;
 - b) jikkollaboraw mal-istituzzjonijiet edukattivi fil-livelli kollha u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jimmotivaw lill-istudenti jieħdu karrieri fi professjonijiet bi kwalifiki għoljin, inkluż fis-setturi akkademiċi, li ma jirrispondux għad-domandi tas-suq tax-xogħol tal-lum biss, iżda li jikkontribwixxu wkoll biex isawru l-ekonomija u s-soċjetà ta' għada u l-futur tax-xogħol, u biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-kisba ta' ħiliet fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, (l-arti) u l-matematika (STE(A)M);
 - c) jużaw il-ħiliet u t-tbassir u l-analiżijiet tas-suq tax-xogħol bħala kontribut biex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni għolja u biex jgħinu lill-istudenti jagħmlu għażliet informati dwar l-istudju;
12. Jibnu rabtiet aktar b'saħħithom mal-komunitajiet lokali, billi pereżempju attivitajiet komunitarji u volontarji jiġu involuti aħjar fil-programmi, fejn xieraq, u billi jhegħgu kultura u ħiliet intraprenditorjali kemm fi ħdan kif ukoll barra l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.
13. Jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jimplimentaw approċċi innovattivi għat-tagħlim u l-apprendiment, b'mod partikolari billi jiżviluppaw approċċ strateġiku lejn id-diġitalizzazzjoni u billi jsaħħu l-litteriżmu diġitali tal-istudenti kollha.

B. L-INDIRIZZAR TAL-ĦTIĠIJET TA' POPOLAZZJONI MĦALLTA TA' STUDENTI
U L-APPOĠĠ LILL-PERSUNAL AKKADEMIKU

14. Jistinkaw għal aktar ugwaljanza billi jtejbu l-aċċess għall-edukazzjoni għolja billi jużaw firxa wiesgħa ta' mezzi, anke billi jaħdmu favur aktar aċċessibbiltà fil-livell reġjonali, kif ukoll joħolqu kundizzjonijiet aħjar biex l-istudenti jirnexxu u jiżguraw edukazzjoni u gwida ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha, irrispettivament mill-ambjent li ġejjin minnu.
15. Jagħmlu sforzi biex is-sistemi tal-edukazzjoni għolja jiftħuhom għal persuni fi kwalunkwe fażi ta' haġġithom, billi jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet bejn livelli differenti ta' kwalifiki u toroq edukattivi, itejbu r-rikonoxximent tat-tagħlim informali u mhux formali, u billi jiżviluppaw modi aktar flessibbli kif iwasslu l-edukazzjoni għolja, pereżempju permezz ta' tagħlim imħallat u Riżorsi Edukattivi Miftuħa.
16. Jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jappoġġaw u jinċentivaw it-taħriġ inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-persunal akkademiku, sabiex jakkwista l-ħiliet xierqa li huma meħtieġa sabiex jindirizza l-ħtiġijiet ta' popolazzjoni mħallta ta' studenti, joħloq ambjent effettiv ta' tagħlim kollaborattiv, jinvolvi lill-istudenti fl-attivitajiet ta' riċerka, jippromwovi l-interdixxiplinarjetà u juża aħjar Prattiki Pedagoġiċi Innovattivi.
17. Jieħdu passi biex itejbu l-kompetenzi diġitali tal-persunal akkademiku, inkluż il-pedagoġija diġitali u l-kompetenzi diġitali speċifiċi għad-dixxiplini.
18. Jagħmlu sforzi biex japprezzaw l-eċċellenza u l-innovazzjoni fit-tagħlim, pereżempju billi jiżviluppaw sistemi ta' ppremjari u opportunitajiet ta' karrieri għall-persunal akkademiku, filwaqt li jieħdu inkonsiderazzjoni l-bilanċ bejn l-attivitajiet ta' tagħlim u l-attivitajiet ta' riċerka.
19. Jippromwovu l-mobbiltà għat-tagħlim u esperjenza internazzjonali rilevanti oħra fost l-istudenti u l-persunal akkademiku, bħall-mobbiltà virtwali u l-mobbiltà mħallta jew l-internazzjonalizzazzjoni fid-dar, u jintegraw il-mobbiltà għall-apprendiment u t-tagħlim fi programmi b'mod aktar sistematiku.

C. IL-KONTRIBUT GĦALL-INNOVAZZJONI FL-EKONOMIJA INGĠENERALI

20. Jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fit-titjib tal-impatt tagħhom fuq l-istrateġiji makroreġjonali, l-ekonomiji reġjonali u l-kapaċità ta' innovazzjoni kif ukoll jikkontribwixxu għat-trasferiment tat-teknoloġija u l-politika dwar l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti reġjonali.
21. Jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fil-ħolqien ta' networks ta' kollaborazzjoni effettivi bejn organizzazzjonijiet differenti u bejn is-setturi.
22. Jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-mentalità intraprenditorjali u l-kreattività u biex jagħtu ħarsa olistika lejn kif ir-riċerka u l-innovazzjoni huma integrati fi programmi ta' studju.
23. Jappoġġaw żviluppi fi programmi dottoriali biex iħejju aħjar lill-gradwati għal karrieri kemm fis-settur akkademiku kif ukoll barra minnu, inkluż billi jtejbju l-viżibilità tal-kompetenzi li jistgħu jiġu trasferiti, u jgħinu biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom filwaqt li jikkontribwixxu għall-innovazzjoni u l-iżvilupp fl-ekonomija u fis-soċjetà inġenerali.

D. IL-PROMOZZJONI TAL-EFFIĊJENZA U L-IŻVILUPP ULTERJURI TAL-ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ FIS-SISTEMA EDUKATTIVA GĦOLJA

24. Jistinkaw għal finanzjament adegwat, ġust u sostenibbli u għall-governanza effettiva tas-sistemi tal-edukazzjoni għolja sabiex itejbu l-kwalità u r-rilevanza tat-tagħlim u l-apprendiment u biex jipprovowu l-inklużività u l-eċċellenza.
25. Jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni attiva tal-partijiet ikkonċernati interni u l-involviment ta' dawk esterni fil-governanza tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja.
26. Ikomplu jżidu l-effiċjenza, l-effettività u t-trasparenza tal-assigurazzjoni tal-kwalità sabiex isaħħu l-fiduċja reċiproka, isaħħu l-proċeduri ta' rikonoxximent ta' kwalifiki akkademiċi u jstimulaw il-mobbiltà internazzjonali.

Bil-ħsieb tal-appoġġ għall-kooperazzjoni tal-Istati Membri fil-qasam, JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

27. issaħħaħ il-kooperazzjoni taħt il-programm Erasmus+ u l-qafas strateġiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ inkluż billi tippromwovi l-inklużività, l-eċċellenza u l-innovazzjoni fl-ġhoti ta' tagħlim, trawwem ir-responsabbiltà ċivika u soċjali tal-istudenti u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, tħeġġeġ il-ħidma volontarja u komunitarja rilevanti u tiżviluppa kollaborazzjoni mas-settur tan-negozju.
28. tappoġġa miżuri, u trawwem it-tifrix tar-riżultati, biex itejbu l-kwalità fil-mobbiltà akkademika, bħal titjib fit-trasparenza tal-kwalifiki, inkluż dawk ta' refuġjati u migranti, u l-iskambju diġitali ta' data dwar l-istudenti, b'rispett sħiħ tar-regoli tal-protezzjoni tad-data nazzjonali u Ewropej.
29. toffri appoġġ fil-livell tal-UE għall-koalizzjonijiet għall-promozzjoni tal-oqsma STE(A)M u biex tikkondividi l-aħjar prattiki.
30. trawwem l-iżvilupp ta' pedagoġiji innovattivi biex tgħin lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jimplimentaw strateġiji komprensivi ta' tagħlim diġitali, pereżempju billi tesplora l-Mudell tal-Istat ta' Thejjiġa għat-Tagħlim Diġitali.
31. toħloq l-inċentivi u l-kapaċità għall-edukazzjoni għolja biex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi soċjali u ekonomiċi u tagħti kontribut aqwa għat-tkabbir innovattiv u intraprenditorjali fir-regġuni, b'mod partikolari billi tiffaċilita rabtiet aħjar mal-awtoritajiet pubbliċi, l-istituzzjonijiet ta' riċerka u s-settur tan-negozju.
32. tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rabtiet u l-koordinazzjoni bejn iż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja, iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, l-inizjattivi fil-qasam tal-innovazzjoni u fora internazzjonali rilevanti oħra tal-edukazzjoni.
33. tottimizza u toħloq sinerġiji bejn l-ġhodod tal-UE għall-bini tal-evidenza kif ukoll issaħħaħ il-ħidma tan-network Eurydice u l-kooperazzjoni mal-OECD sabiex tiżgura sinerġiji bejn l-attivitajiet, tevita d-duplikazzjoni tal-isforzi u toħloq benefiċċju minn ħidma konġunta.

34. tikkontribwixxi għall-eżami tal-istrutturi ta' finanzjament u ta' governanza fil-kuntest tal-kooperazzjoni mal-OECD, b'attenzjoni partikolari fuq il-bilanċ bejn l-għoti ta' taġġim u r-riċerka, bl-oġġettiv li tiżgura riżultati mtejbja tal-gradwati u l-iżvilupp ta' sistemi tal-edukazzjoni għolja li jkunu aktar effiċjenti u effettivi.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEX:

35. tikkunsidra b'mod sħiħ dawn il-konklużjonijiet fit-tħejjija tal-proposti tagħha għall-qafas strateġiku futur għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-programm tal-Unjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ wara l-2020, u strumenti finanzjarji oħra, filwaqt li tagħti l-importanza dovuta lill-kunsiderazzjonijiet strateġiċi, finanzjarji u kwalitattivi fl-iżvilupp ta' dawn il-proposti.
-

Sfond Politiku

1. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET2020") (12 ta' Mejju 2009).
2. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar l-iżviluppar tar-rwol tal-edukazzjoni fi trijanglu tal-għarfien li jiffunzjona kompletament (26 ta' Novembru 2009).
3. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-immodernizzar tal-edukazzjoni (28 u 29 ta' Novembru 2011).
4. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni għolja (16 u 17 ta' Mejju 2013).
5. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dimensjoni globali tal-edukazzjoni għolja Ewropea (25 u 26 ta' Novembru 2013).
6. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità li tappoġġa l-edukazzjoni u t-taħriġ (20 ta' Mejju 2014).
7. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-intraprenditorija fl-edukazzjoni u t-taħriġ (12 ta' Diċembru 2014).
8. Dikjarazzjoni dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (Pariġi, 17 ta' Marzu 2015).
9. Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) — Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (23 u 24 ta' Novembru 2015).
10. Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi fl-UE permezz tal-edukazzjoni: il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-Semestru Ewropew 2016 (24 ta' Frar 2016).

11. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-media u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ (30 ta' Mejju 2016).
12. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni: "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa. Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (10 ta' Ġunju 2016).
13. Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2016 (Novembru 2016).
14. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-titjib u l-immodernizzar tal-edukazzjoni (7 ta' Diċembru 2016).
15. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin f' iħdan il-Kunsill, dwar l-inklużjoni fid-diversità biex tinkiseb edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd (17 ta' Frar 2017).
16. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar aġenda mġedda tal-UE għall-edukazzjoni għolja (30 ta' Mejju 2017).
17. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-insegwiment tal-perkors tal-gradwati (20 ta' Novembru 2017).
18. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tax-xogħol (7 ta' Diċembru 2017)].
